**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**
**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Sentenza**

**Seduta tal-Kolliżjonijiet**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Attard)**
**v**
**Emmanuele Azzopardi**

Illum, 21 ta' Gunju 2017

Il-Qorti:

Rat li Emmanuele Azzopardi [...] I.D. 231553 (M).

Akkuzat talli fit-03/05/2016 għall-ħabta ta' 11:45hrs fi Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBJ 435;

(1) Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli cioe' vettura Nru BCG 017 għad-dannu ta' Devania Gatt, liema ħsara tammonta ħhal €336.47

Rat l-artikolu 325(b) tal-Kap 9

Semgħat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju u x-xhieda mressqa mid-difiża;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li Devania Gatt kellha l-vettura taghha pparkjata maġemb garaxx u, għalkemm l-ebda parti tal-vettura tagħha ma kienet quddiem dan il-garaxx, kienet flaxx ma' waħda mill-ġnub tal-bieb tiegħu. Skont il-verżjoni li l-imputat ta' lill-pulizija, huwa daqq il-horn biex il-vettura ta' Devania Gatt twarrab, iżda x'ħin ra li baqgħet ma ċċaqilqitx huwa saq u baqa' dieħel fil-garaxx. Skont il-verzjoni ta' Devania Gatt, l-intimat laqatha huwa u diehel fl-istess garaxx u meta pprotestat miegħu, weġibha "ahjar għalih u messek ma pparkjajtx hemm".

Illi l-fatt li l-imputat daqq il-ħorn qabel daħal fil-garaxx biex fi kliemu stess Devania Gatt twarrab minn postha inissel l-inferenza ċara u inekwivoka li huwa ppreveda li seta' jolqotha. Inferenza li tkompli tissaħħah billi meta ma tħarrkitx minn postha, minflok waqaf kompla għaddej u fil-fatt laqatha. U mhux biss: wara li laqatha, tefa' t-tort fuqha. Dan l-aġir kien att perikoluż mill-imputat li minkejja li kien jaf li kien sejjer jpoġġi l-vettura ta' Devania Gatt fil-periklu ta' ħsara, xorta waħda għażel konxjament li jpoġġiha f'dan il-periklu.

Illi l-liġi tagħna, li ssegwi dik kontinentali, tqis aġir bħal dan bħala att **volontarju**: *magna culpa dolus est.* Meta l-konsegwenzi ta' għemil ikunu previsti, anke jekk mhux ukoll pożittivament mixtieqa, jidħlu fid-definizzjoni tal-intenzjoni kriminali indeterminata: "Se quando si omise di calcolare tutti gli effetti possibili del proprio atto **si fosse preveduto** (o come possibili o

come probabili) che quello effetto ne potesse derivare, si avrebbe un dolo indeterminato, ma non piu` una colpa (Carrara, Programma, para. 81).

Illi l-att tal-imputat huwa kjarament wieħed ta' dak ta' *recklessness,* li huwa ekwiparat, fi kliem il-Professur **Anthony Mamo (Mamo Notes**, paġna 68) kemm fil-liġi tagħna kif ukoll fil-liġi Ingliża, għal att deliberat. L-artikolu 325 jitkellem dwar "kull min… **volontarjament**" jagħmel il-ħsara li ħaddieħor. Fit-test Ingliż, il-kelma **volontarjament** hija tradotta fil-kelma **willfully.** Skont il-**Blackstone, Criminal Practice 2017** para A2.13, pagna 25):

"'Willfully', which has some similarities with 'malice' since it dates from an earlier legislative vocabulary should not be understood in its most obvious or literal sense of 'deliberately' or 'voluntarily'. It is now taken as a composite word to govern both intention and recklessness."

Għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuża fil-konfront tal-imputat u konsegwentement qed issib lill-imputat Emmanuele Azzopardi ħati tagħha u wara li rat l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal perjodu ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sena u wara li rat l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendilu l-liċenzji kollha tas-sewqan għal ħmistax-il jum b'effett minn nofsilejl tallum.

Grazio Mercieca LL.D.
Maġistrat